**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 17 ta' Novembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 160/2019 AGV ;</u>**

**AB**
**Vs**
**Dr Victor J. Bugeja u PL Hilda Ellul Mercer kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil-assenti CDEF, b' digriet tal- 24 ta' Mejju 2019.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta' AB datat 21 ta' Gunju 2019, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat :-**

**1.** Illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Awissu 1996, liema zwieg gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta, skont ma jirrizulta minn certikat taz-zwieg hawn anness, u mmarkat Dok. A.

**2.** Illi minn daz-zwieg huwa vvizjat minhabba fost ohrajn, ma giex ikkonsmat ai termini tal-artikolu 19 A tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**3.** Illi kien hemm ukoll kunsens ivvizjat stante li dan inkiser bi vjolenza u difett serju ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u l-obbligi taghha, inkiseb bl-eskulzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew xi wiehed mil-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew min minnhom ai termini tal-Artikolu 19 (1) (a), (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**4.** Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-partijiet, huwa null u invalidu skont il-Ligi.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, ma ghandhiex;

a. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ccelebrat bejn il-kontendenti tal-1 ta' Awwissu 1996 registrat fir-Registru Pubbliku huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-artikolu 19 (1) (a), (d), u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Tawtorizza lill-esponenti illi tirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-Risposta Guramentata tal-kuraturi deputati Dr. Victor Bugeja u PL. Hilda Ellul Mercer datata 26 ta' Lulju 2019, fejn esponew bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjenti ma humiex edotti mil-fatti konnessi tal-kawza u ghalhekk ghal kull buon fini qed jirrizervaw id-dritt li jwiegeb ulterjorment jekk ikun il-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**<u>FATTI</u>**

1. L-attrici kienet iltaqghet ma' GH, illum mejjet meta kellha 17-il sena. Kienet harget tqila bl-ewwel wild taghha. H kien ihaddimha bhala prostituta u kellha toqghod ghal dak li jghidilha.

   Kien qabbadha l-vizzju tad-droga kokaina. Kienet tghix, flimkien ma' nisa ohra li kien ihaddem H gewwa appartament Bormla. Kien jehodilha l-flus li kienet tirciev i mill-beneficcji socjali u c-childrens allowance.

   Tghid li damet skjava ta' H ghal 11-il sena, sakemm  inqatel. Tul dan iz-zmien kienet izzewwget lil DE, li kienet rat biss tlett darbiet f'hajjitha. Wara li ccelebraw iz-zwieg, qatt ma kienet regghet ratu u lanqas kienu kkunsmaw iz-zwieg. D u  H kienu mifthemin sabiex ihallas Lm2500 ghal dan iz-zwieg.

   Wara li H miet fit-22 Ta' Ottubru, 2001 kienet baqghet fil-prostituzzjoni ghaliex ma kellhiex flus biex tghix. Kienet baqqghet tiehu d-droga u spiccat il-habs tlett darbiet minhabba pussess. Minn hawn sabet hafna ghajnuna u llum irriabilitat ruhha u qed tipprova tiehu kontrol ta' hajjitha.

2. PC 1245 Demanuele pprezenta l-fedina penali ta' AB u GH.

3. Oliver Borg, in rapprezentanza ta' ID Malta kkonferma li mir-ricerki li ghamel irrizulta li l-attrici kienet mizzewwga lil CDE u ma rrizultax li dan tal-ahhar kellu xi karta ta' identita'.

   Ikkonferma ukoll li fuq l-attrici kien hemm imnizzel l-isem tat-tfal IH, JKEF, u LMB.

4. L-Ispettur Lara Butters, Ufficjal tal-Immigrazzjoni kkonfermat li mir-ricerki li ghamlet il-konvenut CDE kellu karta ta' identita' bin-numru 0018122A u twieled fit-8 ta' Awissu, 1965 il-Kajr u minn fuq l-MPS taghhom, jirrizulta li l-indirizz huwa 42, Skin Driver, Triq San Mark, Bormla.

   Irrizultalha ukoll li fit-8 ta' Awissu, 1996 kien applika ghac-cittadinanza hawn Malta, izda l-POO kienu oggezzjonaw fit-30 ta' Novembru, 1998 u dan minhabba investigazzjonijiet li saru kien rrizultalhom li ma kienx ighix mal-mara tieghu u cioe' l-attrici, li kien izzewweg fl-1 ta' Awissu, 1996.

   Ma kinitx f'posizzjoni tghid jekk il-konvenut kienx telaq minn Malta.

   Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**FATTI**

L-attrici kienet tahdem bhala prostituta u kien ihaddihma certu GH. Kien igieghlha tiehu l-kokaina u kellu toqghod ghal dak kollu li kien ighidilha. Kien hawn li kien miftiehem mal-konvenut CDEF sabiex izzewwigha lill-attrici u kellu jhallsu €2500.

L-attrici tikkonferma li kienet biss ltaqghet mieghu tlett darbiet u wara l-gurnata tat-tieg qatt ma kienet ratu u ghalhekk dan iz-zwieg qatt ma gie kkunsmat.

L-Ispettur Lara Butters, Ufficjal tal-Immigrazzjoni kkonfermat li fit-8 ta' Awissu, 1996 kien applika ghac-cittadinanza hawn Malta, izda l-POO kienu oggezzjonaw fit-30 ta' Novembru, 1998 u dan minhabba investigazzjonijiet li saru kien rrizultalhom li ma kienx ighix mal-mara tieghu u cioe' l-attrici, li kien izzewweg fl-1 ta' Awissu, 1996.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>L-Artiklu 19 (1)(a)</u>**

**L-Artikolu 19 (1)(a) tal-Kap. 255 jikkontempla s-segwenti:-**

**"(1) Zwieg validu jista' jigi annullat fuq talba ta' parti mizzewwga wahdu minhabba li l-parti l-ohra tkun irrifjutat li tikkonsma l-istess zwieg.**

**<u>L-Artikolu 19A(3) ikompli jghid hekk:-</u>**

**"Azzjoni ghall-annullament ta' zwieg taht dan l-artikolu ma tistax tigi istitwita qabel ma jiskadu tlett xhur mid-data tac-celebrazzjoni taz-zwieg."**

F'din il-kawza kien ghadda l-perjodu ta' tlett xhur minn meta gie ccelebrat iz-zwieg u inoltre, l-attrici kkonfermat li kienet rat lill-konvenut tlett darbiet biss u l-ahhar darba kienet il-gurnata tat-tieg, meta lanqas iz-zwieg ma gie kkunsmat u lanqas qatt ma regghet ratu minn dakinhar.

Ghaldaqstant, dina l-klawsola tal-ligi giet soddisfatta ukoll u twassal ghan-nullita' taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 19 (1)(a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>L-Artikolu 19 (1)(d) u (1)(f)</u>**

Qabel xejn, peress illi r-rikorrent ibbaza t-talba tieghu ghan-nullita` taz-zwieg sew fuq is-subinciz (1)(d) kif ukoll fuq is-subinciz (1)(f) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255, ghandu jinghad illi diversi drabi gie dikjarat mill-Qrati taghna illi kawza dwar annullament ta' zwieg imsejsa fuq is-subinciz (1)(f) u fl-istess waqt ukoll fuq is-subinciz (1)(d), ghandha titqies li tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita' tal-att, pero` min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien inevitabbilment idghajfu lil xulxin.

Dwar l-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza **Kenneth Cefai vs Louise Cefai** [1] deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru 2011:-

> *"Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru, 2011

*kawzali ma tistax, teknikament, treggi. Fil-kawza* ***Baldacchino v. Duan****, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 2010, kien intqal hekk fir-rigward:- "It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage."*

Il-Qorti ser titratta iz-zewg kawzali izda naturalment fl-isfond tal-gurisprudenza nostrana fir-rigward ta' kawzali kontradittorji bhal fil-kaz odjern.

**Nullita taht l-Artikolu 19(1)(f)**

***f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

Huwa relevanti fil-konsiderazzjoni dwar in-nullita` o meno taz-zwieg bejn il-partijiet taht il-kappa tal-Artikolu 19(1)(f), il-fatt illi kif stabbilit, il-partijiet ma kienux neqsin mid-discretio judicii sabiex jidhlu ghal rabta matrimonjali validu u pjuttost kellhom il-konoxxenza mehtiega tal-obbligi u drittijiet konjugali li kienu dehlin ghalihom. Sabiex wiehed jeskludi z-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, irid ikun evalwa u fehem proprju x'inhuma dawn l-elementi.

Kif ritenut fis-sentenza **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine**[2]:-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg……hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Gie ulterjorment ritenut fis-sentenza **Al Chahid vs Mary Spiteri**[3] illi:-

*"... wiehed jinnota li taht l-artikolu 19(1(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma' ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi l-gurisprudenza in materja hija konkordanti illi sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taht l-Artikolu 19(1)(f), irid jigi necessarjament ippruvat ukoll li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg, kif ukoll li xi wiehed mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni tal-kunsens tieghu jew taghha.

---

[2] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 28 ta' April, 2002
[3] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju, 2002

Skond kif ritenut fis-sentenza recenti **Simon Cusens vs. Romina Cusens**[4], sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz, irid jirrizulta ppruvat li entrambi l-partijiet jew xi hadd mill-partijiet tkun hadet decizjoni li ghalkemm ser tippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg. Fi kliem iehor, filwaqt li esternament tidher li qed taghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali, dik il-parti tkun fl-istess hin u minn qabel ma tat il-kunsens taghha, diga` mentalment eskludiet a priori d-dispozizzjoni taghha li tottempera ruhha ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali.

Illi kif gie spjegat minn dina l-Qorti fil-kaz **Alfred Tonna vs Maria Tonna**[5] **"ikun hemm simulazzjoni meta fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra ( jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali jew dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)."**

Fl-istess vena, gie ritenut hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins**[6]:-

*"Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per*

---

[4] 104/2010, deciza minn dina l-Qorti kif presduta fl-10 ta' Dicembru, 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar, 2016.
[5] Prim'Awla tal-Qorti Civili(VDG) 31 ta' Jannar, 1996
[6] Deciza 2 ta' Ottubru, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

*ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra*".

Terga' ssir referenza f'dan l-istadju ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** fejn gie ritenut li:-

*"... rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied."*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et noe**.[7], elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-"*komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied*"[8] L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina vs. Aquilina**[9] u fis-sentenza **Grech vs. Grech**.

It-talba ghall-annullament taht l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta tirreferi ghall-simulazzjoni parzjali u cioe' parti, fil-mument li suppost qed taghti l-kunsens taghha, il-parti tkun eskludiet iz-zwieg, kif ukoll wiehed jew aktar obbligi essenzjali taz-zwieg, u cioe' unjoni permanenti, eskluzziva u irrevokabbli, diretta lejn il-gid komuni, bl-iskop li jkun hemm prokreazzjoni.

[7] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Lulju, 1994
[8] Citata mill-Qorti tal-Appell fil-kawza 237/14
[9] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 30 ta' Jannar, 1991

Dina l-Qorti mhix se tidhol fl-analizi tal-Artikolu 19 (1)(d) u dan stante l-fatt li din id-disposizzjoni tal-ligi tirrikjedi l-ewwel u qabel kollox difett serju tad-diskrezzjoni tal-gudizzju u fl-ebda mument tal-gbir tal-provi ma gie ppruvat li kien jezisti dan id-difett fil-konvenut u ghalhekk ma jissistux l-elementi necessarji sabiex dan iz-zwieg jigi ddikjarat null u bla ebda effett fil-ligi.

Mir-rizultanzi processwali, il-konvenut ma kellu l-ebda intenzjoni li jibni hajja u unjoni mal-attrici. Kien biss interessat li japplika ghac-cittadinanza u sahansitra l-attrici ppruvat li l-konvenut kien hallas lil GH €2,500 sabiex jirrangalu z-zwieg mal-attrici, li kienet wahda mill-prostituti li kien ihaddem.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi z-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fl-1 ta' Awissu, 1996 huwa null u bla ebda effett ai termini tal-Artikoli 19 (1)(a) u 19 (1)(f) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li l-istess sentenza tigi rregistrata fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**